**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Mejju 2021**

**<u>Rikors nru: 148/2021 AGV ;</u>**

**ABC**

**U**

**DE**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikor kongunt tal-partijiet, datat 13 ta' April 2021, fejn esponew bir-rispett u ikkonfermaw;**

1. Illi l-partijiet zzewgu Malta fit- 2 ta' Gunju 2007 (ara Dok A anness) u minn daz-zwieg twieled tifel wiehed, FE fil- 21 ta' Gunju 2010.
2. Ill il-partijiet sseperaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ppubblikat fl-atti tan-nutar Dr Henri Vassallo tat- 18 ta' Frar 2021 (ara Dok B);

3. Illi ma hemm ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom ma jghixu flimkien minn Ottubru 2013, illum ghandhom hajja totalment seperata minn xulxin;
4. Illi l-manteniment miftiehem li r-ragel ghand jhallas versu ibnu FE, huwa regolat skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni (Vide Dok B klawzola numru 6). Illum il-manteniment kif mahsub dejjem gie ivversat puntwalment;
5. Illi dal-fatti fuq imsemimja jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-ligjiet ta' Malta.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti hawn esposti, l-esponenti umilment jitlobu lil din Onorabbli Qorti sabiex ;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-direttur tar-registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

| | |
|---|---|
| **Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep Reg** |